32007D0081

3.2.2007 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 28/23

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Frar 2007

li temenda d-Deċiżjoni 2004/452/KE li tfassal elenku ta' entitajiet li r-riċerkaturi tagħhom jista'jkollhom aċċess għad-*data* kunfidenzali għall-għanijiet xjentifiċi

(notifikata bid-dokument numru C(2007) 92)

(Test b'rilevanza għż-ŻEE)

(2007/81/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar statistika[1] tal-Komunità, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 tas-17 ta' Mejju 2002 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar Statistika tal-Komunità, li għandu x'jaqsam mad-*data* kunfidenzjali għall-għanijiet xjentifiċi[2] jistabbilixxi, għall-għanijiet li jippermetti t-tfassil ta' konklużjonijiet statistiċi għall-għanijiet xjentifiċi, il-kondizzjonijiet li fihom jista' jingħata aċċess għal *data* kunfidenzjali trażmessa lill-awtorità tal-Komunità u r-regoli ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità u l-awtoritajiet nazzjonali sabiex jiffaċilita aċċess bħal dan.

(2) Id-Deċiżjoni 2004/452/KE[3] fasslet elenku ta' entitajiet li r-riċerkaturi tagħhom jista' jkollhom aċċess għad-*data* kunfidenzali għall-għanijiet xjentifiċi

(3) L-Università ta' Chicago (UofC), Illinois, l-Istati Uniti ta' l-Amerika għandha titqies bħala entità li tilħaq il-kondizzjonijiet mitluba u għalhekk għandha tiżdied mal-lista ta'

---

1 ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

2 ĠU L 133, 18.5.2002, p. 7. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1104/2006 (ĠU L 197, 19.7.2006, p. 3).

3 ĠU L 156, 30.4.2004, p. 1, kif ikkoreġut permezz tal-ĠU L 202, 7.6.2004, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni 2006/699/KE (ĠU L 287, 18.10.2006, p. 36).

aġenziji, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 831/2002.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Kunfidenzjalità Statistika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2004/452/KE huwa mibdul bit-test stipulat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni
Joaquin ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

ENTITAJIET LI R-RIĊERKATURI TAGĦHOM JISTA' JKOLLHOM AĊĊESS GĦAD-*DATA* KUNFIDENZJALI GĦALL-GĦANIJIET XJENTIFIĊI

Il-Bank Ċentrali Ewropew

Il-Bank Ċentrali Spanjol

Il-Bank Ċentrali Taljan

L-Università ta' Cornell (l-Istat ta' New York, l-Istati Uniti ta' l-Amerika)

Id-Dipartiment tax-Xjenza Politika, Baruch College, l-Università tal-Belt ta' New York (l-Istat ta' New York, l-Istati Uniti ta' l-Amerika)

Il-Bank Ċentrali Ġermaniż

L-Unità ta' Analiżi ta' l-Impjieg, id-Direttorat Ġenerali għall-Impjieg, l-affarijiet soċjali u l-opportunitajiet indaqs tal-Kummissjoni Ewropea

L-Università ta' Tel Aviv (l-Iżrael)

Il-Bank Dinji

Iċ-Ċentru tas-Saħħa u l-Benessri (CHW) ta' l-Iskola Woodrow Wilson ta' l-Affarijiet Pubbliċi u Internazzjonali fl-Università ta' Princeton, New Jersey, fl-Istati Uniti ta' l-Amerika

L-Università ta' Chicago (UofC), Illinois, l-Istati Uniti ta' l-Amerika"